MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 817/2005

**Montaldo Insurance Agency Limited (C 1052) bhala agenti ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company.**

**vs**

**Cole Foods Limited (C 8549).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 7 ta' Settembru 2005 ipprezentata quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri a fol. 1 tal-process, fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sbatax-il elf erba' mija u sebgha u hamsin lira

Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm17,457.58) (€40,665.22) rappresentanti premia ta' poloz ta' assigurazzjoni mahrugin f'isem is-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha stess.

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas, u dan anke permezz ta' ittra ufficjali datata 4 ta' Awissu 2005 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. "A"), is-socjeta' konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici tablet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' sbatax-il elf erba' mija u sebgha u hamsin lira Maltija u tmienja u hamsin centezmu (Lm17,457.58) (€40,665.22).

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas dan l-ammont lis-socjeta' attrici.

Bl-interessi dekorribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta in subizzjoni nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali fuq imsemmija u tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment mac-citazzjoni attrici.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit a fol. 4 u 5 tal-process konsistenti f'ittra ufficjali datata 4 ta' Awissu 2005;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta' Novembru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datat 22 ta' Novembru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti datati 20 ta' Jannar 2006, 1 ta' Marzu 2006, 10 ta' Mejju 2006, 12 ta'

Gunju 2006, 12 ta' Ottubru 2006, 29 ta' Novembru 2006, 27 ta' Frar 2007 u 5 ta' Gunju 2007 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2007.

Rat li s-socjeta' konvenuta giet notifikata *ai termini* tal-artikolu 187 (5) tal-Kap 12 permezz ta' affissjoni datata 5 ta' April 2006, u pubblikazzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern datata 11 ta' April 2006 u pubblikazzjonijiet f'gazzetti lokali datati 10 ta' Novembru 2006 u 9 ta' Novembru 2006 (nota a fol. 23) u jidher li s-socjeta' konvenuta ma pprezentat l-ebda nota ta' eccezzjonijiet.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici datata 10 ta' Novembru 2006 fejn gie esebit l-affidavit ta' Joseph Naudi Montaldo, *Managing Director* tas-socjeta' attrici u d-dokumenti hemm esebiti mmarkati bhala Dok. "JNM1" sa Dok. "JNM3" minn fol. 31 sa fol. 102 tal-process.

Rat ir-rikors tas-socjeta' konvenuta datat 30 ta' Novembru 2006 fejn talbet li jigi estiz iz-zmien ghall-prezentata tan-nota ta' l-eccezzjonijiet u peress li Dr. Ivan Gatt ghas-socjeta' attrici ma opponiex, din il-Qorti laqghet it-talba b'dan li tali nota ta' eccezzjonijiet kellha tigi pprezentata fi zmien 20 gurnata mid-data tad-digriet datat 5 ta' Dicembru 2006.

Rat li minkejja dan l-istess socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentat l-ebda nota ta' eccezzjonijiet.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet

Rat l-ordnijiet u d-digrieti kollha relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn is-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas ta’ l-ammont ta’ Lm17,457.58 (€40,665.22) rappresentanti premia ta’ poloz ta’ assigurazzjoni mahrugin f’isem is-socjeta’ konvenuta fuq inkarigu taghha u fil-fatt jirrizulta mix-xhieda ta’ Joseph Naudi Montaldo li l-istess socjeta’ konvenuta kellha diversi poloz ta’ assigurazzjoni mahruga fuq struzzjonijiet taghha mas-socjeta’ attrici u l-premia taghhom kienu jithallsu ratealment u anke permezz ta’ *standing orders* mill-Bank of Valletta, u anke permezz ta’ *post dated cheques,* izda tali *standing order* twaqfet u c-*cheques* mahruga ma gewx onorati, u ghalkemm id-diretturi tas-socjeta’ konvenuta kkonfermaw li ma kienx hemm problema sabiex isiru l-hlasijiet dovuti dawn xorta wahda ma sarux, u b’hekk saru dawn il-proceduri l-Qorti u l-poloz gew imwaqqfa sabiex ma jkomplux izidu ma’ l-ispejjez. L-ammont pretiz jinsab ippruvat permezz ta’ Dok. “JNM 1” li jikkonsisti f’*accounting documents* u *schedules* ta’ assigurazzjoni li jwasslu ghas-somma ndikata fic-citazzjoni attrici li pero’ jrid jonqos minnha l-ammont ta’ Lm95.56 (€222.59) rappresentanti *refund* li kellu jsir skond l-*‘accounting documents’* esebiti bhala Dok. “JNM2” li jwasslu ghall-bilanc ta’ Lm17,362.02 (€40,442.63).

Illi jidher li s-socjeta’ konvenuta ppretendiet li s-socjeta’ attrici kellha thallasha ta’ xi *claims* li kienet ghamlet, izda l-istess xhud sostna li dawn ma setghux jigu processati peress li s-socjeta’ konvenuta qatt ma ghaddiet lis-socjeta’ attric d-dokumentazzjoni necessarja kemm sabiex l-istess tigi sostanzjata u kkwantifikata u dan ma jidhirx li gie kontradett mis-socjeta’ konvenuta, li fil-verita’ ma gabet l-ebda provi u lanqas dokumenti sabiex tikkontesta l-provi mressqa mis-socjeta’ attrici, u fil-fatt fl-ahhar mill-ahhar lanqas nota ta’ eccezzjonijiet ma giet minnha pprezentata.

Illi fil-fatt dak allegat fic-citazzjoni attrici gie ppruvat fl-ammont ridott ta’ Lm17,362.02 (€40,442.63) u dan minhabba dak hawn deciz, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kontra s-socjeta’ konvenuta fl-ammont hawn indikat ta’ sbatax-il elf, tlett mija u tnejn u

sittin lira Maltija u zewg centezmi (Lm17,362.02) (€40,442.63) .

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi anke fin-nuqqas ta' prezentata ta' eccezzjonijiet *da parte* tas-socjeta' konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddeciedi li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' sbatax il-elf, tlett mija u tnejn u sittin lira Maltija u zewg centezmi (Lm17,362.02) [erbghin elf erba' mija u tnejn u erbghin Ewro u tlieta u sittin centezmu ta' l-Ewro] (€40,442.63)

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas dan l-istess ammont ta' sbatax il-elf, tlett mija u tnejn u sittin lira Maltija u zewg centezmi (Lm17,362.02) [erbghin elf erba' mija u tnejn u erbghin Ewro u tlieta u sittin centezmu ta' l-Ewro] (€40,442.63) lis-socjeta' attrici.

Bl-imghax legali mid-data ta' l-ittra ufficjali datata 4 ta' Awissu 2005 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat mac-citazzjoni attrici kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------